MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2007

Appell Kriminali Numru. 60/2007

Il-Pulizija
(Spt. J. Hersey)
Vs
Walter Borg
Margaret Attard
Omissis

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-18 t'Ottubru, 2001 u f'dawn il-granet go 60/61 Gunlayer Street, Floriana,

1. naqsu li jzommu fi stat tajjeb ta' tiswija s-sink jew spurgaturi ohra ta' l-ilma mahmug kif ukoll il-katusi taghhom jew mezzi ohra ta' komunikazzjoni kif imsemmija f'dan il-Kodici;

2. ma ghamlux dak kollu mehtieg biex ebda materjal ma jiskula jew inixxi mill-katusi jew kanali taghhom biex ma

jkunx hemm ebda haga li taghti fastidju fil-bini tieghu nnifsu jew ta' haddiehor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Frar, 2007, li biha, wara li rat l-artikolu 117 tal-Kap. 10, u l-artikolu 22 tal-Kap. 446, sabet lill-appellanti hatja skond l-akkuzi izda lliberathom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien xahrejn, waqt illi ordnat li jesegwixxu x-xogholijiet skond il-konsiderazzjonijiet u l-konkluzzjonijiet tal-Perit Valerio Schembri, u dan billi jinbidlu l-katusi tac-caqquf tas-sistema komuni tad-drenagg, u minflok issir sistema ta' katusi tal-PVC, inkluz il-“gullies” u l-“bends” imsemmija fl-istess relazzjoni.

Sabiex isir dan ix-xoghol jidher illi skond il-paragrafu 4 tal-pagna 11 tar-relazzjoni tal-Perit Valerio Schembri, jinhtieg illi jinqala' s-saqaf tal-“corrugated sheets” temporanjament sakemm isir il-bdil tal-katusi rakkomandati. Dan ix-xoghol ghandu jsir fi zmien xahrejn mid-data tas-sentenza, b'multa ta' zewg liri Maltin (LM2) kuljum fin-nuqqas, u dan ai termini tal-Artikolu 321 tal-Kap. 10.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnhom ipprezentat fis-16 ta' Frar, 2007, li bih talbu li din il-Qorti joghgobha thassaraha w tirrevokaha w dan billi tilliberahom minn kull piena w imputazzjoni w, fin-nuqqas, tvarjaha w timmodifikaha billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti li sabithom hatja, thassaraha safejn gew applikati kontra taghhom il-penali ta' zewg liri Maltin (LM2) kuljum ai termini tal-Artikolu 321 tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti u cioe' li din il-kwistjoni inqalghet minnhabba l-akkuzat Charles Sultana li, b'mod l-aktar testard, oppona li l-appellanti jaghmlu x-xogholijiet necessarji. Illi l-appellanti ddikjaraw li huma minn dejjem riedu li jsiru x-xogholijiet, pero' Sultana kien qed jirrifjuta li huma jkunu jistghu jidhlu fil-fond tieghu f'cirkostanza li kienet tiddependi minnu biss u li huma ma kellhom ebda kontroll fuqha. Hawn kien

japplika l-principju ta' "ad impossibilia nemo tenetur". Dato ma non concesso li ma jigux milqugha dawn l-aggravju, l-Ewwel Qorti qatt ma kellha tapplika l-penali ta' LM2 kulljum ai termini tal-art. 321 tal-Kap. 10 u dawn kellhom jigu applikati biss kontra l-ko-imputat Charles Sultana.

Semghet ix-xhieda mill-gdid.

Rat id-Digriet taghha li biha ordnat lill-Perit Valerio Schembri nominat mill-Ewwel Qorti biex jidderigi x-xoghol mehtieg.

Rat in-Nota tal-istess perit li biha ddikjara li issa x-xogholijiet kollha mehtiega gew kompletati skond l-arti w s-sengha ghas-sodisfazzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat;

Li l-appell jimmerita li jigi milqugh ghaliex l-appellanti kienu dejjem propensi w lesti li jaghmlu t-tiswijiet mehtiega imma kien il-ko-imputat Charles Sultana li holoq diffikultajiet biex dawn it-tiswijiet setghu isiru w kien biss wara li din il-Qorti intimat li ser tiehu certi mizuri, li fl-ahhar ix-xogholijiet thallew isiru minn Sultana.  Ghalhekk l-appellanti kienu verament f'sitwazzjoni fejn ma setghux isewwu minghajr il-ko-operazzjoni w partecipazzjoni tal-ko-imputat (mhux appellant) Sultana u ergo mhumiex responsabbli kriminalment.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell ta' Walter Borg u Margaret Attard u tirriforma s-sentenza appellata, u b'dan li fil-waqt li tikkonferma s-sentenza fil-konfront tal-ko-imputat Charles Sultana – li ma appellax – tirrevokaha fir-rigward taz-zewg appellanti w tilliberhom minn kull imputazzjoni, piena w terminu biex jaghmlu x-xogholijiet mehtiega, li, f'kull kaz, issa saru.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------